KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta # 18_19/05/10VI

# MINUTI TAT-TMINTAX- IL SEDUTA

**Tkomplija tat-tmintax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema li nżammet nhar **it-3 ta' Ġunju 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Viċi Sindku** Joanna Gonzi
**Il-Kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** Svetlana Curmi
**L-Uffiċjal** Althea Borg

**Is-seduta bdiet fis-5.55pm.**

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 17_21/04/10VI (kontinwazzjoni)

1.1 Is-Sindku Nikki Dimech qal li l-minuti ta' April għad iridu jiġu approvati bl-emendi meħtieġa.

1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi mal-minuti tal-21 ta'April 2010 kellhom jiġu miżjuda żewġ punti. Waħda rigward l-*extension* tal-fairy lights tal-promenade hekk kif mitluba mis-Sindku s-Sur Nikki Dimech kif ukoll rigward il-punt tar-*refurbishment* tal-ufficċini tal-Kunsill hekk kif mitluba mill-Kunsillier Martin Debono.

1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi t-talba mingħand is-Sindku sabiex dawn jerġgħu jiġu ittajpati mill-ġdid ma setgħetx tiġi milqugħa hekk kif ġie spjegat bil-miktub mid-Direttur tal-Gvern Lokali wara li kienet intbagħtet *email* fejn ġie spjegat il-mod kif iridu jiġu emendati l-minuti, jiġifieri li l-emendi jridu jkunu riflessi kemm waqt id-diskussjoni tas-seduta 18 kif ukoll fuq il-minuti tas-seduta 17.

Ma kienx hemm qbil dwar dan.

1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-minuti ta' April ma setgħux jiġu ttajpjati *en bloc* iżda jew jinkitbu b'mod manwali fuq il-minuti oriġinali jew inkella tkun aġenda *item* fis-seduta li tkun tmiss. Il-fatt li dawn l-emendi kienu qadu ma sarux hu ghax wara talba mis-Sindku stess is-Segretarju Ezekuttiv kellha ghad tivverifika mis-seduta taċ qabel mad-Dipartiment



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

jekk it-talba setgħetx tiġi ikkunsidrata pero peress li din it-talba ġiet rifjutat il-minuti emendati kellhom jiġu moqrija dak il-ħin stess u jiġu miktuba dak il-ħin stess.

1.5 Il-Vici-Sindku J. Gonzi staqsiet jekk il-korrezzjonijiet tal-minuti ta' April fuq il-minuti oriġinali ta' April jistgħux jiġu ffirmati għaliex dawn l-emendi kienu ġa ġew approvati fid-19 ta' Mejju u l-Kunsill ħa vot f'dik is-seduta imma ma ġewx iffirmati minħabba l-fatt li kellna nirċievu verifika mid-Dipartiment l-ewwel.

Il-Viċi Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex taqra l-emendi għal minuti.

1.6 Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet taqra l-emendi li kienu ġew approvati mis-seduta preċedenti. Reġa ma kienx hemm qbil dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita, jiġifieri jekk hux se jkunu ttajpjati u kif għandhom ikunu rreġistrati l-emendi. Qamet ukoll diskussjoni dwar jekk dawn il-minuti kienux approvati jew le.

1.7 Is-Sindku N. Dimech qal li peress li saru ħafna emendi dawn l-emendi fuq il-minuti oriġinali għandhom jiġu *scanned* u mibgħuta lill-Kunsilliera qabel ma jiġu ffirmati għalkemm dawn kien ġa approvati.

#### 4. Approvazzjoni tal-pagamenti (kontinwazzjoni)

4.1 Is-Sindku N. Dimech qal li ma jistgħux jinarġu pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet gwida dwar il-pagamenti sabiex tkun tista' titkompla l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier M. Debono qal li ~~jew ma napprovaw xejn jew napprovaw kollox~~ [nħarsu l-pagamenti wieħed individwalment.]. Il-Kunsillier J. Galea qal li fl-aħħar laqgħa ssemmew l-pagament ta' Polidano li ma kellux tender. Il-Viċi Sindku J. Gonzi qalet li ma jistgħux joħorġu pagamenti qabel ma jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Bobby Cali qal li għandhom jinħarġu l-pagamenti essenzjali.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-gwida li għandha mid-Dipartiment hi li kull pagament anke jekk kopert b'tender għandu jittella għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina ssuġġerit li l-Kunsill għandu jiltaqa' iktar regolari biex isiru l-affarijiet sew.

4.4 Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill għandu jara liema huma dawk il-pagamenti li jistgħu jinħarġu.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Dipartiment infurma li pagament li huma essenzjali li jsiru u li huma skont il-proċeduri għandhom jinħarġu barra il-pagament fuq it-*tender* tal-*fairy lights*. Dawk il-pagamenti li l-Kunsill jara li mhumiex skont il-liġi ma jistgħux jinħarġu.

4.6 Is-Sindku N. Dimech ippropona sabiex jiġu membri mid-Dipartiment u mil-AKL biex jagħtu gwida rigward dan.

Is-Sindku ħareġ fis 6.55pm u daħal lura 6.58pm.

4.7 Is-Sindku spejga kif mhux il-pagamenti kollha jistgħu jkunu ffriżati. Pagament għall-ġbir tal-iskart u pagamenti oħra li ma ġewx iffriżati jistgħu jinħarġu.

4.8 Is-Sindku N. Dimech qal li l-Kunsillier E. Cuschieri se jorganizza attività biex ifakkar it-Tieni Gwerra Dinjija. Din l-attivita kienet ser tiswa madwar €275. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din l-attività barra l-Kunsilliera Sandra Camilleri.

## 4. Approvazzjoni tal-pagamenti

| **Nru taċ-ċekk** | Rimarki |
|---|---|
| 11159 | Iva |
| 11160 | Iva |
| 11161 | Iva |
| 11162 | Dan iċ-cekk kien diga nħareġ qabel is-seduta (il-grey area ta' pagamenti li kienu jinħareġ qabel il- |
| 11163 | Iva – Il-Kunsillier J. Galea qal li darba oħra ma joħroġ |
| 11164 | Kien ġa ħareġ. Kuns C Engerer ma qabilx li kien hareg dan il-cekk |
| 11165-11171 | Iva |
| 11172 | Iva |
| 11173 | Iva |
| 11174 | Iva |
| 11175 | Cekk ghandu jigi ikkancellat ghax il-flus gabruhom in-nies u mhux il-Kunsill hareg donazzjoni |
| 11176 | Le |
| 11177 | Iva refund lura ghaliex kienet damet ma giet il-coach u kellu johrog € 16 minflokk € 8 ghax kienet hadet zewg biljetti u mhux wiehed |
| 11178 | Iva |
| 11179 | Le |
| 11180 | Le |
| 11181 | Iva |
| 11182 | Iva |
| 11183 | Le |
| 11184 | Le – Is-Sindku N. Dimech u l-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkaw li xtaqu li dawn in-nies ghandhom jithallsu dement li jkun hemm ritratti biex jivverifikaw li dawn ix-xogholijiet saru |
| 11185 | Iva |
| 11186 | Le |
| 11187 | Le |
| 11188 | Le |

| | |
|---|---|
| 11189 | Iva |
| 11190 | Le |
| 11191 | Iva |
| 11192 | Iva (data ta l-attivita fuq ic-cedola tal-pagamenti) |
| 11193 | Iva |
| 11194 | Kancellat |
| 11195 | Le |
| 11196 | Le |
| 11197 | Le |
| 11198 | Le |
| 11199 | Iva – Il-Kuns. Sandra Camilleri qalet li l-kliem mhux spjegat kif suppost |
| 11201 | Le |
| 11202 | Iva |
| 11203 | Iva |
| 11204 | Le |
| 11205 | Iva |
| 11206 | Iva |
| 11207 | Iva |
| 11208 | Iva |
| 11209 | Iva |
| 11210 | Le |
| 11211 | Iva |
| 11212 | Le |
| 11213-11221 | Le |
| 11222 | Iva |
| 11223 | Le |
| 11224 | Iva |
| 11225 | Iva |
| 11226 | Iva |
| 11227 | Iva |
| 11228 | Iva |
| 11229 | Iva |
| 11230 | Iva |
| 11231 | Iva |
| 11232 | Iva |
| 11233 | Le |
| 11234 | Iva |
| 11235 | Le |
| 11236 | Iva |
| 11237 | Iva |
| 11238 | Le |
| 11239 | Maqbuz in-numru irridu nivverifikaw |
| 11240 | Iva |
| 11241 | Le |

| | |
|---|---|
| 11242 | Iva |
| 11243 | Iva |
| 11244 | Iva |
| 11245 | Le |
| 11246 | Le |
| 11247 | Le ghaliex hemm procedura ta'twinning |
| 11248 | Le |

4.9 Il-Kunsillier J .Galea irrimarka li fornitur partikolari qed jidher fuq fatturi differenti taħt ismijiet differenti.

4.10 Is-Sindku N. Dimech issospenda s-seduta fis-19.18hrs sabiex ikun jista' jitkellem is-Sur Mario Camilleri mill-PMG.

4.11 Is-Sur Mario Camilleri qal li hu kien preżenti għal-laqgħa għax xtaq informazzjoni mingħand il-Kunsill dwar it-*tender* li ngħata lill-kumpanija tiegħu minħabba li sema' mingħand terzi persuni li t-*tender* tal-*fairy lights* kien iffrizat. Huwa qal li għandu x-xogħol ordnat u li dan jammonta għal EUR88,000 kif ukoll li hu marbut li jħallas l-impjegati tiegħu. Huwa qal li se jpoggi fuq il-mejda dokumentazzjoni rigward l-estensjoni tat-tender. Semma ukoll klawzjoli fit-*tender document*: klawżola 7 li tirreferi għal estensjoni tat-tender u klawżola 47 li tirreferi għal varjazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li sejħiet għall-offerti tal-Kunsilli Lokali għandhom jimxu mal-Avviż Legali 28/2000 i tispecifika li l-varjazzjoni fuq tender m'għandix tkun iktar minn 20% tal-ammont miftiehem. Qalet li l-klawsoli 7 u 47 japplikaw għall-kuntratti tac-~ivil. Spjegat li f'dawn it-tip ta' kuntratti l-*Permanent Secretary* biss jista' jagħti ordnijiet biex issir estensjoni ta' *tender.*

4.12 Is-Sur Camilleri spejga li x-xogħol fuq l-installazjoni tal-*fairy lights* ġa beda u saħansitra kien ġab il-permessi meħtieġa mingħand l-Enemalta għall-provvista tal-elettriku għax f'diversi postijiet ma kienx hemm provvita tal-elettriku. Is-Sur M. Camilleri qal li bagħat diversi korrispondenza lill-Kunsill. Is-Sur Camilleri kien mistoqsi lil min ta l-korrispondenza iżda ma kienx jaf iwieġeb b'ċertezza lil min kien ta' din il-korrispondenza.

4.13 Il-Kunsillier M. Debono qal li ħadd ma ried jagħmel azzjoni ħażina lis-Sur Camilleri u qal li l-kunsill kien miexi in *buona fede* iżda d-Dipartiment għal Gvern Lokali waqaf lill-Kunsill milli jkompli dawn ix-xogħlijiet.

**19.29hrs** – Il-Kunsillier Nicolai Gauci ħareġ mil-laqgħa.

4.14 Camilleri kien mistoqsi lil min ta l-korrispondenza izda ma kienx jaf iwiegeb b'ċertezza lil min kien ta' din il-korrispondenza.

4.15 Il-Kunsillier M. Debono qal li ħadd ma ried jagħmel azzjoni ħażina lis-Sur Camilleri u qal li l-kunsill kien miexi in *buona fede* iżda d-Dipartiment għal Gvern Lokali waqaf lill-Kunsill milli jkompli dawn ix-xogħlijiet.

Is-seduta reġgħet tkompliet fis-7.36pm.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku (Kontinwazzjoni)**

3.1 Is-Sindku N. Dimech ppropona sabiex il-Kunsill flimkien mat-TCTC jerġa' jsir il-kors e-Tfal. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu ma dan b'mod unanimu.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rappreżentant tat-TCTC ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jsir *maintenance* tal-post.

**19.41hrs** – Il-Kunsillier Martin Debono ħareġ mil-laqgħa.

3.2 Is-Sindku ppropona sabiex titkompla l-laqgħa nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm dment li jiġu membri mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.
Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-seduta waqfet fit-20.05 pm.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Curmi
Segretarju Eżekuttiv